IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.8.2023
COM(2023) 485 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċitar tas-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni bir-Regolament (UE) 2019/517 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament tal-isem ta' dominju tal-ogħla livell .eu

1. INTRODUZZJONI

Fid-19 ta' Marzu 2019, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2019/517 dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament tal-isem ta' dominju tal-ogħla livell .eu[1] (TLD). Ir-Regolament ilu japplika mit-13 ta' Ottubru 2022, ħlief l-Artikolu 20 li ilu japplika mid-19 ta' Ottubru 2019.

Ir-Regolament (UE) 2019/517 tfassal biex itejjeb il-potenzjal tad-dominju tal-ogħla livell .eu billi jżid il-flessibbiltà u l-adattabbiltà tar-regoli għas-suq tal-ismijiet tad-dominji li qed jinbidel b'rata mgħaġġla (l-hekk imsejjaħ regolament "ibbażat fuq il-prinċipji"). Ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni li jkunu strumentali fl-għażla tar-Reġistru tal-ismijiet tad-dominju tal-ogħla livell .eu u għall-operazzjoni tiegħu. B'mod aktar speċifiku, ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex tistabbilixxi l-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla u l-proċedura għad-dežinjazzjoni tar-Reġistru għat-TLD .eu.

2. BAŻI LEGALI

Skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2019/517, il-Kummissjoni ngħatat is-setgħa li tadotta atti delegati għal perjodu ta' ħames snin mit-18 ta' April 2019.

L-għoti tas-setgħa huwa estiż b'mod taċitu għal perjodi taż-żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni sa tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

L-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2019/517 jipprevedi wkoll li l-Kummissjoni jeħtieġ tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin (jiġifieri sat-18 ta' Lulju 2023). Dan ir-Rapport jissodisfa dak ir-rekwiżit.

3. EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA FIL-PERJODU ATTWALI

Fil-perjodu tar-rapportar (mit-18 ta' April 2018 sat-18 ta' Lulju 2023), il-Kummissjoni eżerċitat is-setgħa tagħha li tadotta l-att delegat li ġej skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament:

- ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1083 tal-14 ta' Mejju 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/517 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla u l-proċedura għad-dežinjazzjoni tar-Reġistru tal-ismijiet tad-dominju tal-ogħla livell .eu

L-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2019/517 jobbliga lill-Kummissjoni tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament biex jissupplimenta dak ir-Regolament billi jistabbilixxi l-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla u l-proċedura għad-dežinjazzjoni tar-Reġistru.

[1] Ir-Regolament (UE) 2019/517 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament tal-isem ta' dominju tal-ogħla livell .eu u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 733/2002 u jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2004 (ĠU L 91, 29.3.2019, p. 25-35).

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1083 ġie adottat f'konformità mar-rekwiżiti u sal-iskadenza stabbilita mir-Regolament (UE) 2019/517.

Kif jeżiġi l-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) 2019/517, il-Kummissjoni kkonsultat lill-esperti maħtura mill-Istati Membri qabel l-adozzjoni tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1083. B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni kkonsultat lil esperti tal-Istati Membri fil-qasam tal-governanza tal-internet fil-kuntest tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Governanza tal-Internet (HLIG). L-HLIG jagħixxi bħala pjattaforma li permezz tagħha l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiskambjaw l-informazzjoni u jallinjaw il-pożizzjonijiet tagħhom dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet relatati mal-governanza tal-internet. Ir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ġew mistiedna wkoll jieħdu sehem fil-laqgħat tal-HLIG meta ġiet diskussa l-proposta għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1083.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1083 jistabbilixxi l-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla kif ukoll il-proċedura tad-dežinjazzjoni tar-Reġistru fdat bl-organizzazzjoni, bl-amministrazzjoni u bil-ġestjoni tat-TLD .eu f'konformità mal-prinċipji tal-ftuħ, tat-trasparenza u tan-nondiskriminazzjoni.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1083 jistabbilixxi l-kriterji tal-eliġibbiltà li jiżguraw li r-Reġistru jkun organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ iffurmata f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru. Il-kriterji jiżguraw ukoll li r-Reġistru jkollu l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali u s-sede prinċipali tan-negozju tiegħu fl-Unjoni, u li anki l-infrastruttura meħtieġa biex iwettaq il-funzjonijiet ewlenin tiegħu tkun tinsab fl-Unjoni.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1083 jistabbilixxi wkoll il-kriterji tal-għażla u l-piż rispettiv tagħhom fil-punteġġ totali tal-evalwazzjoni tal-applikanti. Il-kriterju "il-kwalità tas-servizz" (li jammonta għal 40 % tal-punteġġ totali tal-evalwazzjoni) jirrikjedi li l-applikanti jħaddmu eċċellenza operazzjonali u jiżguraw kwalità għolja tas-servizz bi prezzijiet kompetittivi. Il-kriterju "ir-riżorsi umani u tekniċi" (li jammonta għal 30 % tal-punteġġ totali tal-evalwazzjoni) jirrikjedi li l-applikanti jiżguraw li r-riżorsi tagħhom ikunu suffiċjenti biex iwettqu l-funzjonijiet meħtieġa għall-organizzazzjoni, l-amministrazzjoni u l-ġestjoni tat-TLD .eu u li s-servizzi pprovduti jiżguraw kwalità għolja, it-trasparenza, is-sigurtà, l-istabbiltà, il-prevedibbiltà, l-affidabbiltà, l-aċċessibbiltà, l-effiċjenza, in-nondiskriminazzjoni, kundizzjonijiet ġusti tal-kompetizzjoni u l-protezzjoni tal-konsumatur. Il-kriterju "il-qagħda finanzjarja u l-konformità" (li jammonta għal 30 % tal-punteġġ totali tal-evalwazzjoni) jirrikjedi li l-applikanti juru sigurtà u stabbiltà finanzjarji li jkunu adegwati għat-twettiq tal-kompiti tar-Reġistru.

Il-kriterji stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1083 ġew ibbażati fuq it-tfassil u t-twettiq tal-proċedura għall-għażla tar-Reġistru l-ġdid. Abbażi tar-riżultati tal-proċedura tal-għażla, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1878 tal-25 ta' Ottubru 2021[2] dwar id-dežinjazzjoni tar-Reġistru tad-dominju tal-ogħla

[2] ĠU L 378/22

livell .eu u sussegwentement iffirmat il-kuntratt tal-konċessjoni tas-servizz għall-amministrazzjoni u l-ġestjoni tat-TLD .eu mar-Reġistru Ewropew għad-Dominji tal-Internet, EURid vzw. Il-kuntratt daħal fis-seħħ fit-12 ta' Ottubru 2022 għal perjodu ta' ħames snin.

4. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni eżerċitat kif xieraq is-setgħat delegati lilha skont ir-Regolament (UE) 2019/517. Hija tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jieħdu nota ta' dan ir-Rapport.

Il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li tibqa' żżomm dawn is-setgħat delegati mogħtija lilha skont ir-Regolament (UE) 2019/517, peress li hija obbligata tagħmel rieżami tal-implimentazzjoni, tal-effettività u tal-funzjonament tat-TLD .eu, skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament. L-iskadenza għall-ewwel rieżami tar-Regolament (UE) 2019/517 hija t-13 ta' Ottubru 2027.

Barra minn hekk, fil-futur, il-Kummissjoni jaf ikollha bżonn tadotta atti delegati biex tibda proċedura ġdida għall-għażla u d-deżinjazzjoni tar-Reġistru .eu li jmiss.